MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 81/2012

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 647582 (M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-ligi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u ċioè talli:

1. ġewwa l-Ħamrun fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Novembru 2011, ikkommetta serq ta' kwantita ta' diesel minn żewġ trukkijiet ta' l-għamla DAF XF li għandhom in-numru tar-reġistrazzjoni FRD-999 u LCP- 467, liema serq huwa kkwalifkat bil-mezz, bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi 232.94 euro iżda li ma jeċċedix 2,329.37 euro, u dan sar għad-detriment ta' Wayne Cassar u/jew persuni oħra;

2. fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Novembru 2011, minn ġewwa l-bitħa tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun li tinsab fi Triq id-Duka ta' Edinburgh ikkommetta serq ta' diesel minn

gaffa ta' l-għamla Fermek liema serq huwa kkwalifkat bil-mezz, bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u bil-valur li jeċċedi 23.29 euro iżda li ma jeċċedix 232.94 euro, u dan sar għad-detriment ta' George Spiteri u/jew persuni oħra;

3. ġewwa l-Imsida f'xi żmien bejn is-7 u l-10 ta' Novembru 2011, ikkommetta serq ta' diesel minn van tal-għamla Isuzu bin-numru tar-reġistrazzjoni mhux magħruf, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi 23.29 euro iżda li ma jeċċedix 232.94 ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux magħrufa;

4. filghodu kmieni ta' nhar is-17 ta' Novembru 2011 u fil-ġimgħat ta' qabel f'diversi lokalitajiet f'Malta saq vettura tal-għamla Mazda 323 bin-numru ta' reġistrazzjoni HAI-021 mingħajr ma kienet liċenzjata mill- Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Liċenzji (liċenzja mhux rinovata) u dana bi ksur ta' Artikolu 15 (a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. fl-istess perjodu u ċirkostanzi għamel użu mill-imsemmija vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi persuni;

6. fl-istess perjodu u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura meta kellu l-liċenzja tas-sewqan sospiża għal perjodu ta' sena b'sentenza mogħtija lilu nhar it-28 ta' April 2011 mill- Magistrat Dott. Saviour Demicoli;

7. fl-istess dati, ħinijiet , lok u ċirkostanzi wettaq diversi reati fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati, Magistrat Dott. Saviour Demicoli LL.D datata 28 ta' April 2011, liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Jannar, 2012, li biha, stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-appellat, sabitu hati u poġġietu taħt ordni ta' probation għal tliet snin u ordnatlu li jħallas l-ammont ta' €663 lil

Wayne Cassar u €40 lil George Spiteri żmien mhux oltre 6 xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu ppreżentat fl-20 ta' Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar is-sentenza appellata.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti :

Illi fit-8 ta' Frar, 2012 l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu illi fis-sentenza hemm in-non osservanza tal-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ġġib bhala konsegwenza n-nullita` tas-sentenza.

Illi l-esponent Avukat Generali intavola dan l-appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413 (1)(ċ) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi fis-sentenza tagħha hawn fuq riferita, bi ksur tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ma fihiex iccitati l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati li tagħhom, l-appellant kien instab ħati minn, u quddiem dik il-Qorti.

Illi l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jistipula s-segwenti :

***“Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat”.***

Illi l-ġurisprudenza nostrana tgħallimna illi “in-nuqqas ta' dina l-formalita``, dejjem ritenuta bħala wahda ta' natura sostanzjali”. Għaldaqstant u għar-raġuni hawn fuq imsemmija s-sentenza surriferita hija vizzjata b'difett fil-formalita` u per konsegwenza hija nulla.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li l-Qrati tagħna dejjem għallmu li n-nuqqas tal-indikazzjoni tal-artikoli fis-sentenza jġib in-nullita' tal-istess sentenza.

Infatt i fis-sentenza 'Il-Pulizija kontra Anthony Zahra' insibu dan li ġej:

*'In-nuqqas ta' indikazzjoni tal-artikoli tal-ligi skont l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali sollevabbli mill-Qorti "ex officio" anke jekk l-appellant ma jilmentax min-nullita' tas-sentenza. Meta l-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza appellata u tgħaddi biex tiddeċidi l-kawża fuq il-meritu, il-Qorti tkun effettivament qed tagixxi ta' Qorti ta' prim' istanza u għalhekk ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Pero' żieda fil-piena f'dawn iċ-ċirkostanzi għandha ssir biss meta jkun hemm raġunijiet li verament jimmeritaw dan l-awment u għalhekk, bħala regola ġenerali, għandha tiġi rispettata l-piena komminata mill-ewwel Qorti.'*

Illi fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 2012, il-Qorti kienet ikkonkludiet is-sentenza hekk:

'Stant l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu ħati.

Tpoġġih taħt ordn ta' probation għal tliet snin mil-lum u tordnalu li jħallas l-ammont ta' €663 lil Wayne Cassar u €40 lil George Spiteri fi żmien ta' sitt xhur mil-lum.'

Mill-parti tas-sentenza ikkwotata, jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati bi svista ma indikatx l-artikoli tal-Liġi.

**Konsegwentement, il-Qorti qed tiddeċidi li s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi hija nulla.**

Rat l-artikolu 428(3) tal-Kap 9 li jgħid hekk;

‘(3) Jekk il-qorti superjuri ssib li l-qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma’ l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu. L-istess isir meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita’ li trid il-liġi taħt piena ta’ nullita’ jew li tkun xort’oħra sostanzjali.’

Waqt it-trattazzjoni l-Prosekuzzjoni insistiet li kien hemm talba waħda biss fir-rikors promotorju u din hija sabiex tħassar is-sentenza appellata minħabba li ma jidhrux fiha l-artikoli tal-Liġi. Filfatt id-Difiża esprimiet il-preokkupazzjoni tagħha dwar jekk l-appell kienx intiż biss biex jidhru l-artikoli jew inkella biex tinbidel is-sentenza. Il-Prosekuzzjoni tenniet li l-iskop ewlieni kien li jidħlu l-artikoli li tħallew barra fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Din il-Qorti rat l-imputazzjonijiet u, skont dawn l-imputazzjonijiet, l-artikoli relevanti huma dawn li ġejjin: 18, 28A, 28B, 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g) 278(3), 49, 50 u 289 tal-Kap 9, l-artikoli 15(a) u 59 tal-Kap 65, l-artikolu 3(1) tal-Kap 104.

Minħabba li l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet iddeċidiet li tagħti ‘piena karċerarja’ fl-imputazzjoni 4, 5, u 6, allura l-Probation order tibqa’ fil-parametri tal-Liġi.

Min-naħa l-oħra, skont l-artikolu 28B tal-Kap 9, il-Qorti tal-Maġistrati **kellha** tiddeċiedi ġġibx is-sentenza sospiża mogħtija fit-28 t’April, 2011 fis-seħħ jew inkella testendix il-perjodu tas-sospensjoni.

Fiċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ, b’mod partikolarli minħabba li dan l-appell kien limitat minħabba n-nuqqas ta’ indikazzjoni tal-artikoli fis-sentenza , il-Qorti qed tiddeċidi li testendi is-sentenza ta’ tliet xhur priġunerija li kien sospiżi għal sentejn billi testendi s-sospensjoni ta’ din is-sentenza għal sena oħra mil-lum.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 28A, 28B, 261(b)(ċ)(f)(ġ), 263, 264, 267, 270, 271(g), 278(3), 49, 50 u 289 Tal-Kap 9, l-artikoli 15(a) u 59 tal-Kap 65, l-artikolu 3(1) tal-kap 104 qed issib lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha magħmula kontra tiegħu iżda flok tikkundannah qed tpoġġih taħt probation order għal tliet snin mil-lum. Il-Qorti wkoll qed tornda li huwa jrid iħallas l-ammont ta' €663 lil Wayne Cassar u €40 lil George Spiteri fi żmien sitt xhur mil-lum. Il-Qorti qed tispjega x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi jekk l-appellant jikser din l-ordni. Barra minn hekk, din il-Qorti qed tiddeċidi wkoll li testendi s-sentenza ta' tliet xhur priġunerija li kienu sospiżi għal sentejn skont id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-28 t'April, 2011 għal sena oħra mil-lum. Il-Qorti spjegat lill-appellant fi kliem sempliċi x'jista' jiġri jekk huwa jwettaq xi reat ieħor matul din is-sena (fejn jirrigwarda t-tliet xhur sospiżi) u matul it-tliet snin li ġejjin fiż-żmien tal-Probation. Kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lill-Uffiċju tal-Probation Services.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------